



# Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-44/15

**Hauptzollamt Frankfurt am Main**  
vs  
**Duval GmbH & Co. KG**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof)

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Unjoni doganali u Tariffa Doganali Komuni — Klassifikazzjoni tariffarja — Nomenklatura Magħquda — Intestatura 9025 — Kunċett ta’ ‘termometru’ — Indikaturi ta’ espożizzjoni għal temperatura ta’ reazzjoni predeterminata li jintużaw darba biss”

Sommarju – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa’ Awla) tas-26 ta’ Novembru 2015

1. *Unjoni doganali — Tariffa Doganali Komuni — Klassifikazzjoni tal-merkanzija — Kriterji — Karatteristiċi u proprjetajiet oġġettivi tal-prodott — Portata — Użu tal-prodott — Inklużjoni — Kundizzjoni*
2. *Unjoni doganali — Tariffa Doganali Komuni — Intestaturi tariffarji — Interpretazzjoni — Noti ta’ spjega għan-Nomenklatura Magħquda — Obbligi li dawn ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tan-Nomenklatura Magħquda*
3. *Unjoni doganali — Tariffa Doganali Komuni — Intestaturi tariffarji — Indikaturi ta’ espożizzjoni għal temperatura ta’ reazzjoni predeterminata li jintużaw darba biss — Klassifikazzjoni fl-intestatura 9025 tan-Nomenklatura Magħquda*

*(Regolament tal-Kunsill Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament Nru 1549/2006, Anness I, intestatura 9025)*

4. *Unjoni doganali — Tariffa Doganali Komuni — Intestaturi tariffarji — Klassifikazzjoni tal-merkanzija — Kriterji — Prijorità tal-intestatura l-iktar speċifika fuq l-intestaturi ta’ portata iktar ġenerali*

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 23, 25)

2. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 24, 32)

3. L-intestatura 9025 tan-Nomenklatura Magħquda li tinsab fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni, kif emendat bir-Regolament Nru 1549/2006, għandha tiġi interpretata fis-sens li tinkludi indikaturi tat-temperatura

ambjentali magħmula mill-karta, f'ċerti każijiet miksija b'film tal-plastik, li jindikaw, permezz ta' bidla fil-kulur, b'mod irriversibbli u mingħajr il-possibbiltà ta' użu mill-ġdid sussegwenti, jekk tkun intlaħqet temperatura limitu waħda jew iktar.

Fil-fatt mill-formulazzjoni tal-imsemmija intestatura jirriżulta li hija tkopri b'mod partikolari t-termometri.

Għalkemm in-Nomenklatura Magħquda ma tiddefinixxix dan il-kunċett, fis-sens komuni tal-kelma, din tirreferi, hekk kif tindika barra minn hekk, f'numru kbir ta' verżjonijiet lingwistiċi tan-NM, il-kombinazzjoni tal-kliem ta' oriġini Griega li jikkarakterizzawha, għall-istrumenti ta' kejl tat-temperatura.

Il-prodotti msemmija huma, permezz tal-karatteristiċi u tal-proprietajiet oġġettivi tagħhom, intiżi sabiex jintużaw esklużivament bħala strumenti ta' kejl tat-temperatura.

Iċ-ċirkustanza li l-imsemmija prodotti huma magħmula mill-karta u eventwalment miksija b'film tal-plastik, u li għandhom funzjoni iktar sempliċi minn ċerti strumenti ta' kejl oħra li jużaw mekkaniżmi iktar sofistikati, jew il-fatt li jippermettu biss il-kejl ta' ċerti temperaturi limiti predeterminati, jew ukoll iċ-ċirkustanza li ma jistgħux jintużaw diversi drabi fid-dawl tan-natura irriversibbli tal-indikazzjoni li sseħħ meta jintlaħqu tali temperaturi limiti ma jipprekludux li tali prodotti jiġu kklassifikati fl-intestatura 9025 tan-Nomenklatura Magħquda.

(ara l-punti 26, 27, 30, 36, 40 u d-dispożittiv)

4. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 38)